



IL-KUMMISSJONI EWROPEA
ID-DIRETTORAT ĠENERALI ĠUSTIZZA U KONSUMATURI
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-MOBBILTÀ U T-TRASPORT

Brussell, is-17 ta' Marzu 2020
REV2 – tissostitwixxi l-avviż
(REV1) datat is-27 ta' Frar 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR U D-DRITTIJET TAL-PASSIĠĠIERI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ġareġ mill-Unjoni Ewropea u sar “pajjiż terz”¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintem fil-31 ta' Diċembru 2020³. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih⁴.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovd i b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħol fis-seħħi fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq ser tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁵ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbi wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 (“Il-Ftehim dwar il-Ħruġ”).

³ Il-perjodu ta' tranżizzjoni jiusta', qabel l-1 ta' Lulju 2020, jiġi estiż darba b'sena jew sentejn (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Il-Gvern tar-Renju Unit s'issa eskluda tali estensjoni.

⁴ Soġġett għal ċerti eċċeżżonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁵ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdix għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoximent reċiproku, il-“prinċipju tal-pajjiż ta’ oriġini”, u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

1. XIRI MIN-NAĦA TAL-KONSUMATURI FL-UE TA' PRODOTTI JEW SERVIZZI MINN NEGOZJANTI STABBILITI FIR-RENJU UNIT⁶⁷

Skont id-dritt tal-UE, meta konsumatur jikkonkludi kuntratt ma' professjonist f'pajjiż ieħor li, bi kwalunkwe manjiera, jgħaddi l-aktivitajiet kummerċjali tiegħu lill-pajjiż ta' residenza tal-konsumatur, ġeneralment il-kuntratt ikun irregolat mil-liġi tal-pajjiż fejn il-konsumatur ikollu residenza abitwali tiegħu. Huwa possibbli li tintgħażel liġi oħra iżda din l-għażla ma tistax iċċaħħad lill-konsumatur mill-protezzjoni mogħtija mil-liġi fir-residenza abitwali, li ma tistax tīgi derogata bi ftehim skont dik il-ligi⁸. Abbażi ta' dan il-qrati tal-Istati Membri tal-UE⁹ se jissoktaw bl-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur anke jekk in-negożjant ikun jinsab fir-Renju Unit. Dan jinkludi b'mod partikolari r-regoli stabbiliti fi:

- id-Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Żleali¹⁰;
- id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur¹¹;
- id-Direttiva dwar it-Termini Kuntrattwali Ingusti¹²;
- id-Direttiva dwar il-Bejgħ u l-Garanziji tal-Konsumatur¹³;
- id-Direttiva dwar l-Indikazzjoni tal-Prezzijiet¹⁴ u

⁶ Dan l-avviż ma jindirizzax aspetti prattiċi oħra ta' xiri transkonfinali f'pajjiż terz, bħar-regoli tal-UE dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud, id-dwana u r-restrizzjoni fuq l-importazzjoni.

⁷ Għal deskriżżjoni aktar dettaljata dwar l-effett tal-ħruġ tar-Renju Unit, kif ukoll ir-regoli rilevanti fil-Ftehim dwar il-ħruġ, irreferi għall-“Avviż lill-partijiet ikkonċernati – il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja ċivili u d-dritt internazzjonali privat”.

⁸ L-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I), ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6. Għall-eċċeżżjonijiet għal din ir-regola ġenerali, ara l-Artikolu 6(3)-(4) tar-Regolament (KE) Nru 593/2008.

⁹ Rigward il-qrati tar-Renju Unit, l-Artikolu 66(a) tal-Ftehim dwar il-ħruġ jipprevedi li r-regoli tal-UE dwar il-konflitt tal-liġijiet f'obbligli kuntrattwali (ir-Regolament (UE) Nru 593/2008) ikompli japplika fir-Renju Unit fir-rigward tal-kuntratti konklużi qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

¹⁰ Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negożju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (“id-Direttiva dwar Prättici Kummerċjali Żleali”), ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22.

¹¹ Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar id-drittijiet tal-konsumatur, ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64.

¹² Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29.

¹³ Id-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġett i tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom, ĠU L 171, 7.7.1999, p. 12.

- id-Direttiva dwar Pakketti tal-Ivvjaġgar¹⁵.

Meta, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni,¹⁶ konsumatur tal-UE ikollu jieħu azzjoni legali individwali f'qorti ta' Stat Membru tal-UE kontra negozjant domiċiljat fir-Renju Unit, jekk in-negozjant ikun għadda l-attivitajiet tiegħu lejn l-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur, il-ħruġ ma għandu l-ebda implikazzjoni biex tiġi stabbilita l-kompetenza internazzjonali ta' dik il-qorti għal tilwim li jirriżulta minn kuntratti tal-konsumatur koperti mill-Artikolu 17(1)(a)-(c) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012¹⁷; f'dawn il-każijiet japplikaw ir-regoli ta' kompetenza tal-UE li jippermettu lill-konsumatur li jfittex lin-negozjant fi Stat Membru tal-UE fejn ikun domiċiljat, irrispettivament jekk in-negozjant ikunx domiċiljat fl-UE jew f'pajjiż terz.¹⁸ Madankollu, għal proċeduri ta' litigazzjoni li bdew wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat Membru tal-UE fir-Renju Unit u viċi versa sejkunu rregolati mir-regoli nazzjonali fir-Renju Unit jew fl-Istat Membru kkonċernat. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-dritt tal-UE li jiżgura l-accress għal soluzzjonijiet għat-tilwim¹⁹ u l-faċilitazzjoni tal-accress għal soluzzjonijiet onlajn għat-tilwim²⁰ ma jibqax japplika għar-Renju Unit u l-pjattaforma onlajn tal-UE dwar is-soluzzjonijiet għat-tilwim ma tibqax tapplika fir-rigward tan-negozjanti stabbiliti fir-Renju Unit.

Dwar l-infurzar pubbliku (pereż. biex jinkiseb il-waqfien ta' prattika kummerċjali) ir-Regolament (UE) Nru 2017/2394²¹ mhuwiex se jibqa japplika għar-Renju Unit wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dan ifisser li, wara tmiem il-perjodu ta'

¹⁴ Id-Direttiva 98/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fl-indikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti offruti lill-konsumaturi, ĠU L 80, 18.3.1998, p. 27.

¹⁵ Id-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, ĠU L 326, 11.12.2015, p.1.

¹⁶ Jekk l-azzjoni titressaq qabel tmiem il-perjodu tranżitorju, il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar huma rregolati mir-Regolament 1215/2012 (l-Artikolu 67 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Dan japplika anki jekk is-sentenza trid tiġi eżegwita wara dik id-data.

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1.

¹⁸ L-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1.

¹⁹ Id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar soluzzjoni alternattiva għat-tilwim tal-konsumaturi (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi), ĠU L 165, 18.6.2013, p. 63.

²⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar soluzzjoni online għat-tilwim mal-konsumaturi (Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi)(ĠU L 165, 18.6.2013, p. 1):

²¹ Ir-Regolament (UE) Nru 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbi għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi, ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1.

tranżizzjoni, l-awtoritajiet tar-Renju Unit mhumiex se jkunu obbligati jikkooperaw fil-każi ta' talbiet transkonfinali skont id-dritt tal-UE.

Barra minn hekk, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-dritt tal-UE li jagħti lil ċerti "entitajiet ikkwalifikati", magħżula mill-Istati Membri tal-UE, pożizzjoni legali għat-tressiq ta' azzjonijiet ta' inibizzjoni fi Stat Membru ieħor, ma jibqax jaapplika għar-Renju Unit²².

2. PROTEZZJONI MILL-INSOLVENZA TAL-VJAĠġATURI (PAKKETTI TAL-IVVJAĠġAR - PACKAGE TRAVEL)

Skont id-dritt tal-UE, l-organizzaturi ta' pakketti tal-ivvjaġġar stabbiliti fl-UE huma obbligati jipprovdu garanziji għar-rifużjoni u għar-ripatrijazzjoni tal-vjaġġaturi fil-każ tal-insolvenza tal-organizzatur²³. L-organizzaturi li mhumiex stabbiliti fl-UE li jibgħu jew joffru pakketti tal-ivvjaġġar lil konsumaturi fl-UE, jew li bi kwalunkwe manjiera jindirizzaw tali attivitajiet lejn l-UE, ukoll iridu jipprovdu l-protezzjoni mill-insolvenza f'kull wieħed mill-Istati Membri fejn ibighu²⁴. Madankollu, fejn organizzatur stabbilit f'pajjiż terz ma joffrix pakketti tal-ivvjaġġar lill-konsumaturi fl-UE u ma jindirizzax l-attivitajiet tal-bejgħ tiegħu lejn l-UE (bejgħ passiv), id-dritt tal-UE li jipprevedi protezzjoni mandatorja mill-insolvenza ma jaapplikax.

Dan ifisser li f'każijiet fejn l-organizzatur ibbażat fir-Renju Unit ma joffrix pakketti tal-ivvjaġġar lejn l-UE u ma jindirizzax l-attività tal-bejgħ lejn l-UE, il-protezzjoni mill-insolvenza mogħtija mid-dritt tal-UE mhux se tapplika għall-insolvenzi ta' organizzauri stabbiliti fir-Renju Unit li jseħħu wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-dritt tal-UE li jipprovdi għar-rikonoximent reċiproku ta' protezzjoni mill-insolvenza sottoskritta skont ir-rekwiżiti tal-pajjiż ta' appartenenza ta' organizzatur ma jibqax jaapplika fir-rigward tal-protezzjoni mill-insolvenza sottoskritta skont ir-rekwiżiti applikabbi fir-Renju Unit²⁵. Dan ifisser li, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-protezzjoni mill-insolvenza sottoskritta fir-Renju Unit ma tibqax titqies konformi mar-rekwiżiti ta' protezzjoni mill-insolvenza ta' organizzaturi ta' pakketti tal-ivvjaġġar skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2015/2302.

²² L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi, ĠU L 110, 1.5.2009, p. 30.

²³ Ara l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17(1) tad-Direttiva (UE) 2015/2302.

²⁴ Ara t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(1) tad-Direttiva (UE) 2015/2302.

²⁵ L-Artikolu 18(1) tad-Direttiva (UE) 2015/2302.

3. DRITTIJET TAL-PASSIĠĠIERI TAL-UE

- **Il-passiġġieri bl-ajru:** Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-dritt tal-UE dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru²⁶ ma jibqax japplika għall-passiġġieri li jitilqu minn ajrūport li jinsab fir-Renju Ajrūport u li jtiru lejn ajrūport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE, sakemm it-trasportatur bl-ajru li jopera t-titjira kkonċernata ma jkunx trasportatur mill-Unjoni, jiġifieri li jkollu liċenzja operattiva mogħtija minn Stat Membru tal-UE. Dan ifisser li, minkejja l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru mogħtija mid-dritt tal-UE jibqgħu japplikaw għal passiġġieri li jitilqu mir-Renju Unit u jtiru lejn ajrūport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE bi trasportatur Komunitarju. Madankollu, wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru mogħtija mil-liġi tal-Unjoni ma japplikawx għat-titjir li jitilqu mir-Renju lejn Stat Membru tal-UE bi trasportaturi mhux Komunitarji.

Il-dritt tal-UE li jagħti drittijiet spċifici lil persuni b'diżabbiltà u lil persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru²⁷ mhuwiex se jibqa' japplika għal persuni b'diżabbiltà u għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa li jużaw servizzi kummerċjali ta' trasport tal-passiġġieri li, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, jittranżitaw, jew jaslu f'ajrūport fir-Renju Unit. Madankollu, ċerti drittijiet, bħall-assistenza mit-trasportaturi tal-ajru, jibqgħu japplikaw għall-passiġġieri tal-ajru li jitilqu minn ajrūport fir-Renju Unit u jtiru lejn ajrūport tal-UE jekk it-trasportatur li jopera jkun trasportatur bl-ajru Komunitarju²⁸.

- **Passiġġieri fuq vapuri:** Id-dritt tal-UE dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fuq vapuri²⁹ jibqa' japplika waqt u wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni għall-passiġġieri li l-port tal-imbark tagħhom ikun fi Stat Membru tal-UE³⁰ jew fir-Renju Unit, sakemm il-port tal-iżbark ikun fi Stat Membru tal-UE u s-servizz ikun operat minn trasportatur stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru jew ikun joffri servizzi ta' trasport tal-passiġġieri lejn jew minn Stat Membru ("trasportatur tal-Unjoni")³¹.

²⁶ Ir-Regolament (KE) Nru. 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1.

²⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobilità mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru, ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1.

²⁸ L-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006.

²⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni, ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1.

³⁰ L-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1177/2010.

³¹ L-Artikoli 2(1)(b) u 3(e) tar-Regolament (UE) Nru 1177/2010. Għal regoli spċifici li japplikaw għal passiġġieri fuq kruċiera, ara l-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1177/2010.

- **Passiġġieri bix-xarabank u bil-kowċ**: Id-dritt tal-UE dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowc³² jibqa' japplika waqt u wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni għall-passiġġieri li jivvjaġġaw fuq servizzi regolari³³ lejn ir-Renju Unit jew mir-Renju Unit fejn il-post tal-imbark jew l-iżbark ikun jinsab fl-UE, u fejn id-distanza skedata tas-servizz tkun ta' 250km jew aktar³⁴.
- **Passiġġieri bil-ferroviji**: Id-dritt tal-UE dwar id-drittijiet tal-passiggieri³⁵ tal-ferroviji jibqa' japplika waqt u wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni għas-servizzi tal-passiġġieri tal-ferroviji fit-territorju tal-Unjoni,³⁶ sakemm l-impriża ferrovjarja tkun liċenzjata f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea³⁷.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur (https://europa.eu/youreurope/citizens/consumers/index_mt.htm) u d-drittijiet tal-passiġġieri (https://europa.eu/youreurope/citizens/travel/passenger-rights/index_mt.htm) jagħti informazzjoni ġenerali. Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi
Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport

³² Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1.

³³ Japplikaw regoli speċifiċi għall-passiġġieri li jivvjaġġaw b'servizzi okkażjonali, ara l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) Nru 181/2011.

³⁴ L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 181/2011.

³⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji, ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14.

³⁶ L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007.

³⁷ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32.